Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 16 ta' Gunju 2025**

**Distrett Valletta**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Gabriel Micallef)**

**Versus**

**Clayton Barbara**
**(221286M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Clayton Barbara,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 221286M.

Akkuzat talli nhar id-19 t'Awwissu, 2023 ghal-habta ta' 23:30 hrs gewwa l-istabiliment bl-isem 'La Bottega', Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta, bhala l-persuna responsabbli:

1. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PC 2432 R. Fava, inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi.

2. Naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att dwar Servizzi tal-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta jew xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenzja.

3. Fit-triq imsemmija semma jew daqq strument tal-muzika jew strument iehor li jaghmel hoss, jew ghanna, jew sabiex ibiegh fit-toroq, biegh, qassam jew xandar xi oggett, ghajjat fi triq, f'hanut jew f'lok pubbliku iehor, wara li gie mwissi biex

ma jissoktax mid-detentur jew mill-persuna li tkun toqghod f'bini fil-qrib, ghal xi raguni tajba, jew wara li hekk imwissi mill-Pulizija.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija gentilment mitluba biex tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-thassir jew l-iskwalifika milli jzomm jew jikseb xi *warrant*, licenzja, permess jew awtorita' ohra mahruga mill-Gvern jew xi awtorita' pubblika ohra.

Rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-affidavit taghha PS 2250 Amanda Bunce qalet illi fid-19 ta' Awwissu 2023 ghal habta tal-11.30pm, kienet giet infurmata minn PC2432 u PC1112 li kienu qeghdin jaghmlu ronda bil-pass minhabba l-istabbilimenti tal-*wines and spirits*, fejn innotaw li l-istabbilment 'La Bottega' fi Triq Merkanti, Valletta kellu muzika bil-volum eccessiv. Meta tkellmu ma' Clayton Barbara sid l-istabbilment, biex ibaxxi l-muzika kien wiegeb illi ma kellux ghalfejn ghax seta' jdoqq muzika sas-1.00am. Meta mxew minn fuq il-post rega' gholla l-muzika. Hi nfurmat lill-iSpettur Gabriel Micallef u f'xi s-1.00am tal-20 ta' Awwissu 2023 marret mal-iSpettur Gabriel Micallef u PC2250, u hekk kif waslu fi Triq Santa Lucija, kantuniera ma' Triq ir-Repubblika, semghu l-muzika gejja minn Triq il-Merkanti li rrizulta li kienet gejja mill-istabbilment 'La Bottega'. Innutaw ukoll li fuq barra kien hemm ammont kbir ta' nies u kien hemm *DJ stand* faccata tal-hanut, u  fuq l-ghatba tal-hanut kien hemm *speaker* bi *stand* li minnha kienet qieghda tinstema' muzika qawwija. L-iSpettur b'hekk ta l-ordni biex jigu elevati l-apparat, stante li l-imputat injora l-ordnijiet li kienu gew moghtija lilu minn PC 2432, u l-hanut kompla jopera sal-4.00am skont il-permess. Aktar tard dakinhar kien mar certu Ghazi Bouhalel biex jigbor l-oggetti li kienu gew elevati.

Illi PC 1112  Joelene Cassar tghid fl-affidavit taghha, illi fid-19 ta' Awwissu 2023 ghal habta tal-23.30 harget taghmel ronda tal-istabbilimenti ta' *Wines and Spirits*, ma' PC 2432 fejn innutaw li l-istabbiliment 'La Bottega' kellu muzika li kien qieghed jindaqq b'volum eccessiv. PC 2432 kien ta l-istruzzjonijiiet lil sid il-hanut Clayton Barbara

biex ibaxxi il-muzika, fejn hu wiegbu li ma kellux ghalfejn, u meta PC 3432 rega' tah l-istruzzjonijiet biex ibaxxi l-muzika rega' wiegbu li hu seta' jdoqq il-muzika sas-1.00am. Kif imxew minn fuq il-post rega' zdied il-volum tal-muzika. Huma infurmaw lis-Surgent tal-Belt PS 2250.

**Ikkunsidrat**

Illi Artikolu 6 tal-L.S 441.08 tal-Ligijiet ta' Malta tipprovdi illi:

*'**(ċa):** Id-daqq ta' mużika f'post kummerċjali kif awtorizzat taħt il-paragrafu (a) jew (b) għandu, minkejja l-limitazzjonijiet ta' żmien provduti fl-imsemmija paragrafi, ikun permess f'post kummerċjali li jinsab fiż-żoni tal-Belt Valletta indikati fit-Tielet Skeda sas-1.00.a.m. Postijiet kummerċjali li jinsabu fiż-żoni tal-Belt Valletta indikati fit-Tielet Skeda għandhom jitħallew jestendu l-ħinijiet tax-xogħol tagħhom sas-2.00 a.m. jew kwalunwe ħin kif awtorizzat minn xi permess validu ieħor maħruġ favur kwalunkwe post kummerċjali bħal dan. Meta tindaqq mużika f'post kummerċjali li għalih japplika dan il-paragrafu wara l-11.00 p.m., il-volum ta' dik il-mużika għandu jinżamm f'livell moderat. L-ebda mużika ma għandha tindaqq barra wara s-1.00 a.m.'*

Illi mill-affidavits tal-Pulizija jirrizulta car illi l-muzika illi kienet qed tindaqq kienet **fuq gewwa** ta' l-istabbiliment, pero' l-Pulizija qalu wkoll illi fis-zewg istanzi li marru l-Pulizija fuq il-post, din il-muzika kienet qed tindaqq b'mod eccessiv.

Il-Ligi hija cara u tipprovdi illi stabbiliment jista' jdoqq muzika f'post kummercjali sas-1.00am, pero' l-Ligi tipprovdi wkoll illi meta tindaqq din il-muzika f'post kummercjali, **'wara l-11.00pm, il-volum tal-muzika ghandu jinzamm f'livell moderat'.**

Illi l-Prosekuzzjoni fl-akkuza ghamlet referenza biss ghall-hin **'ghal habta tal-23.30hrs'** u ghalhekk il-prova tal-hin ezatt ma ngabitx u l-Qorti sfortunatament ma tistax tiehu a konjizzjoni il-hin tas-1.00am meta l-istess Pulizija regghu marru fuq il-post u semghu muzika gholja, ghaliex din ma tifformax parti mill-akkuza.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih u tilliberah minnhom.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**